# QORTI TAL-APPELL
# (Sede Inferjuri)

## Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri
## B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.

**Seduta tal-Gimgha, 8 ta' Novembru, 2019**

## Appell numru: 138/2015/1

**Wara sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar bit-Talba numru: 138/2015 AM3 datata 26 ta' Ottubru, 2018**

## Christine Borda li b'digriet tal-4 ta' Lulju, 2018 l-kelma 'Borda' giet imhassra u mibdula bil-kelma 'Saliba' (K.I.375073M)

## vs.

## Joseph Borda (K.I.55574M)

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell intavolat mill-attrici Christine Saliba minn decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 26 ta' Ottubru, 2018. Il-fatti tal-appell odjern huma s-segwenti:

i. L-appellanti Christine Saliba u l-appellat Joseph Borda zzewgu fil-kappella ta' San Alwig, f'Birkirkara, Malta nhar l-1 ta' Gunju, 1997 u minn

dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal bl-isem ta' Sean li twieled fil-15 ta' Lulju, 2002 u Neil li twieled fil-4 ta' Mejju, 2005 entrambi minuri;

ii. Il-hajja mizzewga ta' bejn il-partijiet spiccat u nhar l-10 ta' Lulju, 2009 l-partijiet resqu fuq kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech, fejn fost affarijiet ohra, rregolaw l-ispejjez relatati mal-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri Neil u Sean (ara kuntratt a fol. 16 sa fol. 19 tal-process quddiem it-Tribunal). Din il-kawza giet intavolata mill-appellanti Christine Saliba sabiex tirkupra spejjez allegatament sborsati minnha dovuti mill-appellat Joseph Borda relatati mal-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri bejn il-perijodu April 2013 u s-sena 2014;

iii. Illi fil-kuntratt tas-separazzjoni tal-10 ta' Lulju, 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech precizament fil-klawsola bin-numru 7, fir-rigward tal-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni kien gie stipulat li '*Il-partijiet jiftehmu inoltre li, oltre' l-imsemmi manteniment, ir-ragel ghandu jhallas wahdu ghall-mizati u/jew donazzjonijiet tal-iskola, lezzjonijiet privati, kotba, transport u uniformijiet tal-istess minuri, u ghas-servizzi medici mehtiega minnhom li ma jigux provduti b'xejn mill-Istat fi zmien ragjonevoli.*';

iv. L-appellanti Christine Saliba ssostni li hija ghamlet diversi spejjez relatati mas-sahha u edukazzjoni tal-minuri Sean u Neil u malgrad li kienet interpellat lill-appellat Joseph Borda tramite emails sabiex ihallas dak minnu dovut, huwa kien ressaq diversi skuzi u l-hlas baqa' qatt ma sar (ara emails a fol. 56 sa fol. 58 tal-process quddiem it-Tribunal);

v. Stante li baqghet ma thallsitx nhar it-23 ta' Frar, 2015 l-appellanti Christine Saliba fethet kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar sabiex tigi rimborsata l-ammont ta' elfejn hames mija disgha u sittin ewro u disgha u tletin centezmu (€2,569.39) rapprezentanti mizati u/jew donazzjonijiet ta' l-iskola, lezzjonijiet privati, kotba, trasport u uniformijiet u/jew ghal servizzi medici mehtiega mill-minuri, bl-ispejjez u bl-imghax;

vi. L-appellat intimat irrisponda ghall-kawza nhar l-10 ta' April, 2015 fejn ressaq eccezzjoni preliminari li l-kawza hija wahda ntempestiva. Fil-mertu, fost affarijiet ohra, ressaq eccezzjoni li huwa dejjem onora l-obbligi kuntrattwali tieghu emergenti mill-klawsola numru 7 tal-kuntratt tas-separazzjoni billi dejjem hallas u li l-appellanti Christine Saliba ghandha obbligu li tinforma lill-appellat bil-bzonnijiet tal-minuri qabel tinkorri spejjez ghall-minuri sabiex huwa jkun jista' jaghzel bejn li jixtri jew ihallas huwa direttament.

2. Illi t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar permezz tad-decizjoni tieghu datata 26 ta' Ottubru, 2018 laqa' in parte t-talba ta' l-appellanti Christine Saliba ghar-rimbors tal-ispejjez relatati ma' sahha u edukazzjoni ta' wlieda minuri ghall-perijodu minn April 2013 u s-sena 2014 fejn gie deciz kif isegwi:

> 'Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elf u tmienja u tmenin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1,088.81c) u jordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici dan l-ammont ta' elf tmienja u tmenin ewro

u wiehed u tmenin ewro (€1,088.81c) bl-imghaxijiet legali dovuti mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.'

3. Illi l-attrici Christine Saliba hassitha aggravata b'din id-decizjoni u kien ghalhekk li ntavolat l-appell odjern nhar l-5 ta' Novembru, 2018. Permezz tal-imsemmi appell hija ressqet tliet (3) aggravji kif isegwi:

a. Illi t-Tribunal kien zbaljat meta ddecieda li jilqa' t-talba ta' l-attrici in parti biss u jichad il-kumplament billi kien hemm provi sufficjenti sabiex juru illi l-ispejjez mitluba mill-attrici gew fil-fatt inkorsi minnha u hija kellha kull dritt illi tirkuprhom fl-intier minghand il-konvenut appellat;

b. Illi f'kull kaz l-imghax legali kellhom jigu akkordati mid-data tal-prezentata ta' l-avviz quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar u mhux mid-data tas-sentenza appellata;

c. Illi f'kull kaz il-konvenut appellat wahdu kellu jigi kkundannat ihallas l-ispejjez gudizzjarji.

4. Illi da parti tieghu l-appellat Joseph Borda wiegeb ghal dan l-appell nhar it-3 ta' Dicembru, 2018 u tratta dawn l-aggravji bil-mod segwenti:

a. Fir-rigward tal-ewwel aggravju, l-appellat isostni li kawza ma tistax tqabbilha ma' ohra u fejn f'kazijiet ohra l-appellanti nghatat il-beneficcju

tad-dubju, hi xorta wahda baqghet tippersisti bl-attitudni taghha tant li anke t-Tribunal irrimarka dan.

Illi dwar Skola Sajf, l-appellat jghid li m'hemm l-ebda element ta' edukazzjoni nvoluta. Jghid li l-appellanti kienet tibghat lil uliedu minuri Skola Sajf semplicement b'pika sabiex hija tkun tista' tmur ghax-xoghol u ma tibghatx it-tfal ghandu. Li kieku kienet tibghat it-tfal ghandu, din il-kwistjoni tal-flus kienet tigi evitata. Ghalhekk ghamel sewwa t-Tribunal li ma rrifondiex l-ammont la darba l-appellanti ghamlet ta' rasha meta hija lanqas biss ikkonsultat mal-appellat.

Illi dwar il-medicina, l-appellat jghid li t-Tribunal ghamel sew li ta widen ghad-dubji tieghu dwar kemm l-ircevuti kienu veritjeri stante li dawn kienu jinxtraw mill-ispizerija ta' hu r-rikorrenti u stante li hija kellha wild ohra apparti wliedu. Isostni li l-medicini ma kinux specifikati x'inhuma u ghalhekk l-appellanti ma kellhiex tippretendi li huwa ghandu jaghmel tajjeb ghalihom. Barra minn hekk dawn lanqas ma huma servizzi medici u ghalhekk lanqas huwa obbligat ihallashom.

b. Fir-rigward tat-tieni aggravju, l-appellat jghid li dan l-aggravju huwa wiehed frivolu u vessatorju ghall-ahhar. Huwa qatt ma gie nterpellat sabiex ihallas ghall-ispejjez, u ma tistax issa tigi l-appellanti tipprova ggibha li garbet xi danni u titlob li tinghata l-imghax legali mid-data tal-avviz.

c. L-appellat ma jressaq xejn specifikatament fuq it-tielet aggravju madanakollu jirrimarka li bhalma qal it-Tribunal, l-appellanti

m'ghandhiex tippretendi li ghandha *open cheque* u tuzah biex issallab lill-appellat li bil-*buona fede* intrabat bil-kuntratt li jaghmel dak kollu possibbli ghal uliedu.

5. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2019 u ddifferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum. Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

**L-Ewwel aggravju**

6. F'dan l-aggravju l-appellanti tishaq li t-Tribunal kien zbaljat meta ddecieda li jilqa' t-talba in parte u dana billi kien hemm provi sufficjenti li juru li l-ispejjez kienu gew inkorsi minnha u li hija kellha kull dritt li tirkuprahom.

Din il-Qorti sejra tibda billi telenka sistematikament dak li t-Tribunal ikkunsidra bhala spejjez dovuti u dak li kkunsidra bhala spejjez mhux dovuti lill-appellanti Christine Saliba.

It-Tribunal fid-decizjoni tieghu alloka l-ispejjez segwenti lill-appellanti:

a. L-ispejjez relatati mad-dentist Dr Robert Hewitt fl-ammont ta' mija u hamsa u tmenin ewro (€185) (a fol. 21 tal-process quddiem it-Tribunal);

b. L-ispejjez relatati mas-summer culture club ta' Neil Borda fl-ammont ta' mija u tmenin ewro (€180) (a fol. 25 tal-process quddiem it-Tribunal);

c. L-ispejjez relatati mas-summer on the move fl-ammont ta' mitejn u tletin ewro (€230) (a fol. 26 tal-process quddiem it-Tribunal);

d. L-ispejjez relatati ma' De La Salle Bookshop fl-ammont ta' sbatax-il ewro u disghin centezmu (€17.90) (a fol. 27 tal-process quddiem it-Tribunal);

e. L-ispejjez relatati ma' De La Salle Bookshop fl-ammont ta' erba' mija hamsa u sebghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€475.91) (a fol. 29 tal-process quddiem it-Tribunal).

It-Tribunal fid-decizjoni tieghu m'allokax l-ispejjez segwenti lill-appellanti:

a. L-ispejjez indikati fl-ircevuti a fol. 22 u fol. 23 tal-process quddiem it-Tribunal li huma kollha mahrugin minn Bellavista Pharmacy ghas-somma totali ta' mitejn u zewg ewro u ghaxar centezmi (€202.10);

b. L-ispejjez indikati fl-ircevuta a fol. 30 tal-process quddiem it-Tribunal li hija mahruga minn Paper Chase Stationary ghas-somma totali ta' ghoxrin ewro u tmien centezmi (€20.08);

c. L-ispejjez indikati fl-ircevuta a fol. 30 tal-process quddiem it-Tribunal li hija mahruga minn Phoebe ghas-somma totali ta' hmistax-il ewro u hamsa u sittin centezmu (€15.65);

d. L-ispejjez indikati fl-ircevuti a fol. 31 u fol. 32 tal-process quddiem it-Tribunal li huma mahruga minn Sylvia Bazaar ghas-somma totali ta' seba' mija u sebgha u ghoxrin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€727.75).

7. Jirrizulta lill-Qorti li t-Tribunal waqt l-evalwazzjonijiet tieghu u l-allokazzjoni tal-ispejjez naqas milli jinkludi zewg (2) ammonti kif isegwi:

(i) Issir referenza ghall-ispejjez fl-ammont ta' tliet mija hamsa u hamsin ewro (€355) relatati ma' De La Salle Bookshop a fol. 28 tal-process quddiem it-Tribunal, fil-kunsiderazzjonijiet tieghu t-Tribunal inkluda dan l-ammont bhala ammont dovut, madanakollu meta t-Tribunal gie biex jaghmel il-kalkolu, dan l-ammont ta' tliet mija hamsa u hamsin ewro (€355) thalla barra. It-Tribunal fid-decizjoni qal is-segwenti: '*Fol 25 – mija u tmenin ewro (€180), fol 26 – mitejn u tletin ewro (€230), fol 27 sbatax-il ewro u disghin centezmu (€17.90c) (ircevuta itemized kif ghandha tkun),* ***fol 28 u 29 ircevuti wkoll itemized u erba' mija hamsa u sebghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€475.91c) huma dovuti,***'. (enfazi tal-Qorti). Minn ezami ta' din l-ircevuta a fol. 28 tal-process quddiem it-Tribunal, jirrizulta li din l-ispiza tirrigwarda kotba tal-iskola. Kunsidrat li l-kotba huma specifikatament indikati fil-klawsola numru 7 tal-kuntratt tal-10 ta' Lulju, 2009 fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Falzon bhala dovuti mill-appellat Joseph Borda, dan l-ammont ghandu ghalhekk jigi rimborsat lill-appellanti Christine Saliba.

(ii) Jirrizulta wkoll li t-Tribunal halla wkoll barra l-ispiza relatata mas-summer culture club ta' Sean Borda fl-ammont ta' mija u sittin ewro (€160). Jigi nnutat li filwaqt li s-summer culture club ta' Neil Borda giet inkluza bhala wahda minn dawk l-ispejjez li ghandhom jigu rimborsati

lill-appellanti Christine Borda, dik ta' Sean Borda thalliet barra probabbilment bi zvista. Ghaldaqstant dan l-ammont ta' mija u sittin ewro (€160) huwa wkoll dovut stante li jinvolvi spejjez relatati ma' attivita' ghat-tfal u ghalkemm huwa minnu li fis-summer culture club ma jkunx hemm taghlim li jaqa' fil-kurrikulum skolastiku madanakollu l-attivitajiet li jkun hemm fih huma relatati ma' suggetti kemm kulturali kif ukoll sportivi. Din il-Qorti thoss li din l-ispiza ghandha wkoll tigi allokata lill-appellanti.

8. Jibqa' li jigu ezaminati l-ircevuti l-ohra li t-talba taghhom ma gietx milqugha. Illi l-appellanti Christine Saliba fl-appell taghha tindika li l-ircevuti a fol. 30 tal-process u cioe' dawk ta' Paper Chase Stationery u Phoebe huma 'stationery list' li tkun parti minn 'book list' li tigi provduta fil-bidu ta' kull sena skolastika. Dan gie wkoll ikkonfermat bil-gurament taghha fejn qalet *'…u l-i"stationery list" li tkun parti mill-"book list" u titlobha l-iskola stess qabel il-bidu ta' kull sena skolastika u mhux "stationery" li tinxtara matul is-sena.'* (ara depozizzjoni a fol. 11 sa fol. 14 tal-process quddiem it-Tribunal). Il-Qorti regghet rat l-artikolu 7 tal-kuntratt li jipprovdu dwar l-ispejjez li ghandhom ikunu koperti mir-ragel u ma jirrizultax li 'stationery' hija nkluza ma' dawn l-ispejjez tant li tintuza l-kelma specifika 'kotba'. Ghaldaqstasnt tqis li t-Tribunal kien korrett li eskluda din l-ispiza mill-pretensjoni attrici.

Isegwu l-ircevuti a fol. 31 u fol. 32 tal-process quddiem it-Tribunal li jinvolvi xiri minghand Sylvia Bazaar fl-ammont ta' seba' mija sebgha u ghoxrin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€727.75) liema xiri sar fil-

gimghat ta' qabel il-bidu ta' sena skolastika gdida. Mid-dokument esebit a fol. 41 tal-process quddiem it-Tribunal jirrizulta li Sylvia Bazaar huwa wiehed mill-hwienet li jbiegh l-uniformijiet u l-p.e. kits. Kunsidrat ukoll li l-uniformijiet huma specifikatament indikati fil-klawsola numru 7 tal-kuntratt tal-10 ta' Lulju, 2009 fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Falzon bhala dovuti mill-appellat Joseph Borda, din il-Qorti tqis li tressqet prova sufficjenti skont il-ligi li din l-ispiza saret ghall-uniformijiet w'ghalhekk dan l-ammont ghandu jigi rimborsat mill-intimat lill-appellanti Christine Saliba.

Isegwu l-ispejjez elenkati a fol. 22 u fol. 23 tal-process quddiem it-Tribunal li jirrigwardaw xiri minghand Bellavista Pharmacy. Dan ix-xiri jinvolvi l-ammont ta' mitejn u zewg ewro u ghaxar centezmi (€202.10) liema spejjez ikompru zmien ta' cirka sitt (6) xhur. Difatti l-ircevuti huma datati 6 ta' April, 2013; 8 ta' Mejju, 2013; 23 ta' Settembru, 2013; 9 ta' Ottubru, 2013; 15 ta' Novembru, 2013; 23 ta' Ottubru, 2014; 13 ta' Novembru, 2014; u 20 ta' Dicembru, 2014. L-appellanti Christine Saliba flimkien mal-affidavit taghha prezentat dokument a fol. 20 li gie minnha kkonfermat bil-gurament li jaghti deskrizzjoni ta' f'hiex kienu jikkonsistu l-ircevuti msemmija. Kunsidrat li hawn hekk qeghdin nitkellmu fuq zewg minuri u li wahda mill-ispejjez hija pjuttost gholja stante li tikkonsisti fi 'braces' ghall-minuri Sean, din il-Qorti tifhem li l-ammont indikat bhala spejjez relatati ma' sahha huwa wiehed pjuttost ragonevoli. Il-Qorti fic-cirkustanzi tqis izda li ghall-futur in vista tal-problemi bejn l-intimati, ikun fl-ahjar interess ta' kulhadd li fuq l-ircevuti jitnizzel a tempo vergine dak li jkun nxtara sabiex ma jinholqux dubji dwar il-genwinita' o meno tal-ircevuta. Dan jghodd ghall-ispejjez kollha u mhux ghal dawk

medicinali. Dan izda bl-ebda mod ma ghandu jigi nterpretat li f'kaz li l-omm tinsa tikteb allura dak l-ammont mhux dovut filwaqt li qed jigi ccarat li din ir-rakkomandazzjoni qed issir mill-Qorti sabiex possibbilment jigi evitat li l-kunflitti bejn il-partijiet jitwalu u jergghu jispiccaw il-Qorti fil-futur.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' dan l-ewwel aggravju tal-appellanti b'eskluzjoni biss ghall-ispiza tal-istationery ghar-ragunijiet suesposti.

**It-Tieni aggravju**

9. F'dan l-aggravju l-appellanti Christine Saliba titlob li l-interessi jinghataw mill-intavolar tal-avviz u mhux kif deciz mit-Tribunal.

Din il-Qorti nnutat li qabel din il-kawza kien hemm kawza simili bejn l-istess partijiet u fuq l-istess oggett u cioe' l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni. L-appellat Joseph Borda prattikament dejjem bl-istess skuzi jerga' jaghmel zmien twil ma jhallasx l-ispejjez dovuti minnu, tant li jista' jinghad li minn meta jinhargu dawn l-ispejjez minn but l-appellanti sa meta dawn effettivament jithallsu lura lilha mill-intimat jispiccaw jghaddu snin twal. Dan l-agir tal-appellat Joseph Borda ma huwiex wiehed li ghandu jigi nkoraggut u ghalhekk din il-Qorti thoss li huwa ekwu u gust w'ghalhekk il-Qorti  tqis li huwa legalment gust li l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tal-prezentata tal-Avviz, sad-data tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' wkoll dan it-tieni aggravju tal-appellanti.

**It-Tielet aggravju**

10. F'dan l-aggravju, l-appellanti Christine Saliba tilmenta li l-appellat Joseph Borda ghandu jbati l-ispejjez gudizzjarji kollha hu. Da parti tal-appellat, fir-risposta tal-appell tieghu ma kkummenta xejn dwar dan l-aggravju.

Illi fid-dawl tal-konstatazzjonijiet kollha maghmula stante li din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-appell odjern u konsegwentement it-talbiet tal-appellanti ghajr ammont minimu, il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa gjustifikat u ser tghaddi sabiex tilqghu.

**Konsiderazzjoni ulterjuri:**

Illi din il-Qorti ma tistax ma tikkumentax dwar dik il-parti tad-decizjoni appellata fejn it-Tribunal sostna li r-rikorrenti ma tghallmet xejn mid-decizjoni 128/2013 stante li jirrizulta li dan il-kumment kien ghal kollox bla bazi in vista li jirrizulta li dik id-decizjoni tal-appell inghatat fit-30 ta' Mejju 2017 filwaqt li l-ircevuti li taghhom qed titlob hlas ir-rikorrenti fil-kawza odjerna jikkoncernaw il-perjodu bejn l-2013 u 2014 w'ghalhekk certament ma jistax jigi pretiz li r-rikorrenti lura fl-2013 ser tkun taf x'se tghid il-Qorti erba' snin wara!

Decizjoni

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan l-appell billi filwaqt li tilqa' l-aggravji kollha tal-appellanti salv li l-ewwel aggravju qed jigi milqugh b'eskluzjoni tal-ispiza tal-'istationery' a fol. 30 tal-process (fis-somma ta' €35.73), tghaddi sabiex tilqa' l-appell interpost kif isegwi:

(i) tghaddi sabiex tirriforma d-decizjoni appellata fl-ismijiet premessi billi thassarha f'dik il-parti fejn laqghet it-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elf u tmienja u tmenin euro u wiehed u tmenin centezmu (€1,088.81c) mitluba mir-rikorrenti u ordnat lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf tmienja u tmenin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1,088.81) u tghaddi sabiex tillikwida s-somma dovuta mill-intimat lir-rikorrenti appellanti fis-somma ta' elfejn, hames mija u tlieta u tletin Euro u sitta u sittin centezmu (€2,533.66) u tordna lill-appellat intimat ihallas lir-rikorenti appellanti s-somma hekk likwidata ta' elfejn, hames mija u tlieta u tletin Euro u sitta u sittin centezmu (€2,533.66);

(ii) tghaddi sabiex tirriforma wkoll id-decizjoni appellata fl-ismijiet premessi billi thassarha f'dik il-parti fejn iddecidiet li l-imghaxijiet legali ghandhom jiddekorru mid-data tad-decizjoni sal-pagament effettiv u tordna li l-imghaxijiet legali fuq l-ammont likwidat minn din il-Qorti u dovut lir-rikorrenti ghandhom jiddekorru mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba (23 ta' Frar, 2015) sad-data tal-pagament effettiv.

**(iii) ghar-ragunijiet suesposti l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati nterament mill-intimat.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**